MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1013/2013

**Catherine Buhagiar, detentrici tal-karta tal-identita` numru 36163M u Frank Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita` numru 768460M**

***kontra***

**CNJ International Ltd (C8239)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-22 ta` Ottubru 2013 li jaqra hekk :-

*1. Illi permezz tal-iskrittura quddiem in-Nutar Bartolomeo Micallef datata 25 ta` April 2008, kopja taghha annessa u mmarkata bhala Dok A, is-socjeta` intimata CNJ International Limited, ikkostitwiet ruhha bhala debitrici a favur ir-rikorrenti ghas-somma ta` mija u sebat elef u mija u hamsin Ewro (€107,150) ;*

*2. Illi ai termini tal-istess skrittura, din is-somma dovuta lir-rikorrenti, hija soggetta ghall-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc li jkun dovut ;*

*3. Illi kif spjegat permezz tar-rendikont hawn anness u mmarkat Dok B, l-ahhar pagament sar nhar is-sittax ta` Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (16.09.2010) u l-bilanc minghajr imghax tal-ammont li huwa dovut huwa ta` tnejn u sebghin elf erba` mija wiehed u sebghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€72,471.82) ;*

*4. Illi r-rikorrenti ghandhom jiehdu s-somma ta` erbgha u tmenin elf u sitta u sebghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€84,076.31), minghand il-konvenuti liema somma tipprezenta l-bilanc tas-somma dovuta flimkien mal-imghax sal-lum u dan skont l-iskrittura privata Dok A ;*

*5. Illi s-socjeta` konvenuta ghad li giet interpellata biex thallas anke permezz ta` ittra ufficjali datata hamsa u ghoxrin ta` Novembru tas-sena elfejn u hdax (25.11.2005) baqghet inadempjenti u sahansitra r-rikorrenti gew maghrfa li ser ikunu mhallsa ;*

*6. Illi l-ammont hwua cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta` Artikoli 167 – 169A tal-Kodici tal-Procedura Civili ;*

*7. Illi r-rikorrenti atturi jikkonfermaw u jiddikjaraw illi safejn jafu huma, is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex ebda eccezzjoni li jista` jaghti kontra t-talba li qed issir permezz ta` dan ir-rikors guramentat.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata, debitrici / vera certa u likwida favur ir-rikorrenti ghas-somma ta` erbgha u tmenin elf u sitta u sebghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€84,076.31) flimkien mal-imghax skont il-ligi ;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta` erbgha u tmenin elf sitta u sebghin Ewro u wiehed u tletin centezmu ((€84,076.31) flimkien mal-imghax skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Novembru tas-sena 2011, kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2013 wara li l-Qorti kienet tal-fehma li l-kumpannija konvenuta kellha eccezzjonijiet x`taghti ghat-talba attrici tat lill-kumpannija konvenuta zmien ghaxart ijiem mid-data tal-udjenza sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li l-kumpannija konvenuta pprezentat fit-3 ta` Dicembru 2013 li taqra hekk :-

*1. Illi mhux minnu li CNJ International Ltd ghamlet 'loan' mal-attrici, izda l-attrici nvestiet mal-istess kumpannija.*

*2. Illi l-ftehim kien li l-attrici tithallas mill-profitti tal-kumpannija kif jithallas min jinvesti f`entita` kummercjali.*

*3. Illi d-dokument li juri 'outstanding loan account as at 16th September 2010' gie ppreparat mill-attrici u mhux mis-socjeta` konvenuta kif allegat l-attrici.*

*4. Illi l-attrici fil-fatt ma hallsitx xi somma flus lis-socjeta` konvenuta izda harget il-flus biex inxtrat il-merkanzija tal-kumpannija kif jigi ppruvat waqt il-kawza.*

*5. Illi l-ammonti ndikati mill-attrici m`humiex korretti.*

*6. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u l-uniku dritt li jista` jkollha l-attrici hu li tiehu sehem mill-profitti tal-kumpannija.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta.

Rat zewg noti b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tat-8 ta` Jannar 2014.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Alexia Aquilina, tal-P.L. Quinton Tanti, ta` Joan Said fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li pprezentaw ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-27 ta` Frar 2014 fejn l-avukat tal-kumpannija konvenuta ddikjara, bla pregudizzju ghall-pozizzjoni li hadet il-kumpannija konvenuta fil-kawza, illi kien qieghed jaccetta bhala prova kull dokument li pprezentaw l-atturi u li ma kienx qed jinsisti fuq il-presentata tad-dokumenti originali jew il-konferma bil-gurament ta` l-istess minn terzi.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Claudio Caruana rappresentant tas-socjeta` konvenuta.

Semghet lill-attrici tixhed in kontroezami fis-seduta tal-10 ta` April 2014.

Semghet lil Claudio Caruana jixhed in kontroezami fis-seduta tas-17 ta` Gunju 2014.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attrici</u>** xehdet illi saret taf lil Claudio Caruana fl-2003. Kien *gym instructor*. Saru hbieb u gieli kienu jaghmlu ordnijiet mill-hanut tieghu ta` *stationery/bazaar*. Tant kienu sar hbieb illi gieli kienet tmur il-BOV Marsaskala u taghmel depoziti tal-gym. Gieli marret BBQ id-dar ta` Caruana, u kienu anke ghamlu festin lit-tifel taghha. Kienet marret ma` ohrajn ghal btala t-Tunezija ; maghhom kien hemm Caruana u l-familja tieghu. Kemm–il darba marret fl-ufficcju li Caruana kellu fil-gym u rat stampi ta` jet ski fuq il- p.c. tieghu. Staqsieha jekk ghandux jibda jimporta l-jet skis. Kien hemm zmien meta Caruana beda jgib minn barra ATVs u dghajjes izda ma kienx ikollu spazju. Hi u zewgha kienu accettaw li jzomm dghajsa ta` Caruana fil-garaxx taghhom. Wara li rnexxielu jbiegh dik id-dghajsa, Caruana gab ohra u poggieha fil-garaxx taghhom.

Kompliet tixhed illi fil-bidu ta` Settembru 2004, Caruana kien talabha xi flus u hi sellfitu Lm10,000. Saret skrittura bejniethom u l-flus thallsu lura fl-2006 hekk kif kien miftiehem. Fuq il-kapital ftehmu li kellu jiddekorri imghax ta` 5%.

Stqarret li Caruana beda jhajjarha ggib xoghol minn barra minn Malta biex tbieghu fil-hanut taghha. Hija thajjret li taghmel hekk minn rajha mhux ghaliex ghamlet xi ftehim ma` Caruana jew ghax dahlet fi shab mieghu. Talbet u nghatat self mill-bank ta` Lm30,000 sabiex tkun tista` ggib xoghol minn barra. Caruana kien qalilha biex imorru flimkien ic-Cina ; madanakollu, minkejja li gabet il-visa biex tmur ic-Cina, baqghet ma marritx billi Caruana kien qata` qalbu.

L-attrici tinsisti fix-xiehda taghha illi Caruana qatt ma tkellem maghha fis-sens li hija kellha tidhol bi shab mieghu biex igibu ix-xoghol minn barra.

Tkompli tfisser illi in segwitu marret ma` Caruana go Taiwan fi Frar 2005. Hallset hi l-ispejjez ta` safra nkluz tal-biljetti ghaliex Caruana kien qalilha li ma kellux flus. Caruana kien weghedha illi ser iroddilha s-self kollu li hija kienet hadet mill-bank, kif ukoll kien offra li jhallasha 10% tal-profitt tieghu, versu l-ammont li kellha tiehu hi peress li kienet sellfitu l-flus. Hija accettat billi hasbet li l-interessi tal-bank kienu sejrin jithallsu mill-profitt li Caruana kien sejjer jaghtiha.

Qalet li go Taiwan kienu marru jaraw hafna fabbriki. F`okkazjoni minnhom, marru ghand certa Michelle ta` Manform International Co Ltd u raw xi xoghol li jirrigwarda il-linja taghha ossija gugarelli, imitation jewellery u affarijiet zghar fil-generu ta` household goods. Ix-xoghol li wriethom din Michelle gabitu lura maghha Malta u hi hallset tax-xoghol ; Caruana u l-kumpannija tieghu ma kienux involuti f`dan in-negozju. Go Taiwan damu xi hmistax –il gurnata ; hemm raw ukoll fabbriki li kellhom x`jaqsmu man-negozju ta` Caruana. Hija kienet tmur mieghu ghaz-zjarat li kien jaghmel biex ma toqghodx wahedha fil-lukanda. Fissret li meta Caruana kien jaghmel ordnijiet minn dawn il-fabbriki, kien jibghat email lil ohtu Nadia, din kienet tmur ghand zewgha l-attur, li mbaghad kien imur l-HSBC sabiex jittrasferixxi l-flus lil Caruana halli jkun jista` jiehu x-xoghol.

L-attrici tghid illi wara li waslu lura Malta, Caruana gieli cemplilha, u anke baghatilha messaggi sabiex hija taghmillu bank transfers. Kien jinsisti maghha li ma riedx jidher il-bank. Gara li ghall-bidu Caruana beda jaghmel pagamenti izda maz-zmien beda jaqta` mill-hlasijiet ghax kien ighid li ma kellux flus. Tghid illi f`Gunju tal-2006, Caruana stedinha tmur it-Tunezija ghall-ftuh ta` showroom. Hi marret ghax kienet mistiedna mhux ghax kellha x` taqsam mal-kumpanija.

L-attrici tkompli tiddeponi illi wara din il-mawra, hija talbet lil Caruana biex jaghmel versamenti ta` flus dovuti lilha. Caruana beda jgib hafna skuzi biex jispjega ghalfejn ma kienx qed ihallas. Saret taf li Caruana kellu jaghti anke lil familjari tieghu. L-ahhar pagament li Caruana ghamel favur taghha kien fi Frar 2010. Bdiet issibha difficli taghmel kuntatt mieghu. L-ahhar darba li rnexxielha tkellmu kien Lulju 2010.

L-attrici pprezentat kopja ta` abbozz ta` kuntratt, li Caruana qalilha li l-mara tieghu kienet irrifjutat li tiffirma. Caruana kien offra li, bhala hlas ghad-dejn dovut lilha, jassenjalha l-arja ta` fuq proprjeta` go Marsaskala.

L-attrici tirrileva li fl-2008 kien iffirmat ftehim fejn Caruana obbliga ruhu li jhallas €30,281.95c wara li jbiegh id-dar tar-residenza tieghu ; l-ammont thallas. Hemm harget ghall-ewwel darba l-kumpannija CNJ International Ltd. Skond il-ftehim, Caruana kellu jibqa` jhallas €931.75 kull xahar. Taghmel enfasi fuq il-fatt illi l-attrici kienet iffirmat il-ftehim sabiex ikollha prova li kienet ghaddiet il-flus lil Caruana u li sejra tithallas lura. Il-ftehim sar fuq letterhead ta` CNJ International Ltd. Tghid illi l-pagamenti gieli saru tard ; l-ahhar pagament sar fis-27 ta` Frar 2010.

L-attrici tixhed illi kellha tiehu aktar minn €84,076.31c. Tinsisti li l-ftehim kien dejjem intiz bhala self u qatt ma ntuzat il-kelma `investiment`. Fil-kuntratt kien hemm imnizzel li `Mr Caruana is to reimburse` u ghalhekk hija dejjem ippretendiet li ser tircievi l-ammont shih flimkien ma` l-imghaxijiet. Caruana qatt ma qalilha li ma kienx se jhallas id-dejn li kellu maghha jew li ma kellhiex dritt ghall-flus. Stqarret li minkejja l-weghdi tieghu, Caruana baqa` ma hallasx u ghalhekk kienet kostretta tipprezenta l-kawza tal-lum.

Fil-**kontro-ezami**, l-attrici kkonfermat li hija ffirmat Dok B, u ma kenitx sfurzata li tiffirma. Tikkonferma wkoll li meta silfet Lm10,000 lil Caruana, saret skrittura ta` self ; dawk il-flus thallsu. Qalet li hija siefret ma` Caruana darba biss biex jimpurtaw l-affarijiet ; hi gabet affarijiet ghan-negozju tieghu u Caruana gab ghal tieghu. Dwar il-flus li silfet lil Caruana, u li huma mertu ta` din il-kawza, ma kenitx saret skrittura ghaliex Caruana kien dejjem iwieghed illi kien ser ihallasha. Ma kienx hemm ftehim dwar imghax peress li l-ftehim kien fis-sens illi meta jbiegh ix-xoghol, kellu jhallasha 10% mill-qliegh. Kien hemm ktejjeb li fuqu kienu jiktbu l-hlasijiet li kien jaghmel Caruana. Sostniet li l-flus li ghaddiet lil Caruana ma kienux investiment. Tghid li kienet taf fejn kienu se jmorru l-flus li kienet issellfet mill-bank biex imbaghad tislef dawk il-flus lil Caruana. Tistqarr li Caruana kien issuggerielha li tircievi 10% *mark up* ; propjament dak kien imghax. L-intiza kienet illi malli Caruana jbiegh il-prodott huwa jaghtiha l-flus li tkun ghaddietlu. Il-*mark up* ta` 10% kellu jitnaqqas mis-somma li kienet dovuta. Il-firma tad-dokument fuq il-letterhead ta` CNJ International Limited sar quddiem in-nutar ; u n-nutar qara dak li kien miktub fid-dokument.

Fir-**riezami**, l-attrici irribadiet illi l-kliem ta` Caruana, kemm wara kif ukoll qabel ma kien iffirmat id-dokument, dejjem kien fis-sens li ser jaghtiha lura l-flus kollha. Meta Caruana biegh id-dar tieghu, huwa taha Lm30,000.

L-attrici pprecizat illi d-dokument kien iffirmat min-Nutar Micallef wara billi ma kienx prezenti. Bezghet li jekk id-dokument ma jkun iffirmat min-nutar, ma jkunx ighodd.

**L-attur** ikkonferma x-xiehda tal-attrici.

**Av. Dr. Alexia Aquilina** bhala rappresentant tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali xehdet li sar Mandat ta` Sekwestru mill-attrici kontra CNJ International Limited.

**P.L. Quinton Tanti** bhala rappresentant tar-Registratur tal-Kumpanniji xehed illi CNJ International Limited ta` 28, Patri Wistin Borne Street, Marsascala, giet registrata fil-11 ta` Awissu 1986 u ghadha hekk registrata. Id-diretturi tal-kumpanija huma Claudio Caruana u Josephine Caruana, li ghandhom ukoll ir-rappprezentanza legali taghha. L-azzjonisti huma d-diretturi stess ; Claudio Caruana ghandu 9,996-il sehem mentri Josephine Caruana ghandha erbgha. Jirrizulta li Josephine Caruana hija omm Claudio Caruana.

**Joan Said** bhala rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-attrici kellha overdraft account li nfetah fl-1999 u nghalaq fl-2009. Kellha loan account li nfetah fl-2005 u nghalaq fl-2008, u loan account iehor li nfetah fl-2006 u nghalaq fl-2008. Kien hemm ukoll house loan li nfetah fl-2004 u nghalaq fl-2008. Illum ma hemmx pendenzi ta` self.

**<u>Claudio Caruana</u>** xehed illi huwa ltaqa` ma` l-attrici fil-Jerma Fitness Centre, sitwat fil-Jerma Palace Hotel, Marsaskala, li kien operat mill-kumpannija konvenuta ("CNJ"). Il-kumpannija kienet tmexxi wkoll il-water sports tal-lukanda. Stqarr illi CNJ kienet timporta u tbiegh jetskis u quads. L-attrici kienet tiffrekwenta l-gym. Meta sar jaf lill-attrici, il-kumpannija kienet sejra tajjeb hafna fin-negozju peress kienet tmexxi wkoll il-gym tal-Mistra Village, kif ukoll hanut tal-jetskis u quads. Gara li kellu problema ta` cashflow u talab lill-attrici biex tisilfu Lm10,000. Hija accettat, saret skrittura u l-flus thallsu lura kollha. Dik kienet l-unika okkazjoni meta ssellef flus minghand l-attrici.

Claudio Caruana xehed illi l-attrici bdiet tinteressa ruhha fin-negozju ta` CNJ u xtaqet iggib prodotti minn barra ghall-hanut taghha. Marru Taiwan flimkien bil-ghan illi CNJ takkwista xi quads waqt li l-attrici tixtri small electric appliances u gugarelli. Ftiehem mal-attrici li CNJ timporta l-merkanzija li jkollha bzonn u l-attrici accettat li tinvesti flus fil-kumpannij. Li dak kien il-ftehim jirrizulta car mid-dokumenti li pprezentat l-attrici ; hemm jidher li hija stess gieli hallset direttament lis-supplier ta` l-oggetti li CNJ kienet qeghda timporta. L-investiment tal-attrici kien gradwali fis-sens li l-attrici kienet teffettwa l-hlas lill-fornitur meta jkun se jigi x-xoghol minn barra.

Claudio Caruana fisser li l-investiment kien sejjer jithallas lura b`*markup* ta` 10% li kien il-qligh tal-attrici. Ma kienx dak kaz ta` imghax ta` 10%. Qal li l-*markup* jirrizulta fl-ewwel erba` pagni ta` Dok CC1. L-attrici kienet tinvesti l-flus u CNJ kienet thallas lura lill-attrici parti mill-flus li jkunu gew investiti bi qliegh ta` 10%. Sal-2008, l-attrici investiet aktar milli hadet lura ghaliex il-kumpannija sabet ruhha fil-problemi wara li ghalqet il-Jerma Palace Hotel. L-attrici bdiet tinsisti fuq kitba biex ikollha prova tal-flus li kienet investiet ; kien ghalhekk li saret il-kitba fuq il-letterhead ta` CNJ.

Kompla stqarr illi billi CNJ ma kenitx sejra tajjeb huwa ma setax jaghti l-*markup* ta` 10%. L-attrici accettat li r-*return* taghha jkun ta` 8%. Ghal CNJ huwa qal lill-attrici li kien sejjer jaghmel hiltu sabiex il-flus li kienet investiet tehodhom lura kemm jista` jkun malajr. L-attrici haditu ghand in-Nutar Bartolomeo Micallef biex jaghmlu kuntratt izda huwa rrifjuta ghaliex il-flus li ghaddietlu l-attrici ma kienux self. Huwa ried jimxi tajjeb ma` l-attrici u ghalhekk minkejja li CNJ ma kinitx sejra tajjeb, weghedha li tiehu lura l-investiment li kienet ghamlet bil-mod, bi hlasijiet ta` €931.75

fix-xahar. Saru pagamenti sa Frar 2010. Billi CNJ ma kienx baqghalha flus, ma setghux isiru aktar hlasijiet. CNJ tilfet in-negozju li kellha fit-Tunezija meta f`dak il-pajjiz faqqghet ir-rivoluzzjoni .

Claudio Caurana sostna li l-kliem fuq Dokument B `loan account` huma kliem ta` l-attrici ghaliex huwa rrifjuta li jiffirma l-kuntratt ta` self li pprezentalu n-Nutar Micallef. Huwa qatt ma ra dak il-kont. U lanqas iffirmah. Stqarr illi kien biss meta rat li l-investiment taghha kien sejjer hazin li l-attrici riedet iddawwar il-flus li harget f`self izda huwa ma accettax.

Fil-**kontroezami**, Claudio Caruana xehed li CNJ operat il-*watersports* tal-Jerma Palace Hotel bejn l-2000 u l-2002, u kienet ilha timporta jetskis u quads mill-1996. Is-self li kienet tatu l-attrici ma kienx intuza biex xtara vettura BMW. L-iskrittura ta` dak is-self kellha terminu u interessi. Fiha ma kienx specifikat fejn kellhom jintuzaw il-flus izda sostna li dawk fil-fatt kienu ntuzaw biex isir refurbishment fil-gym tal-Mistra Village.

Claudio Caruana cahad li l-attrici kienet sellfitu aktar flus. Il-flus li harget ftit ftit l-attrici kienu l-oggett ta` ftehim li sar biex jibdew negozju flimkien. L-attrici kienet tinvesti fil-kumpannija u din in segwitu kienet thallas lura. Meta marru Taiwan kienu akkwistati kemm affarijiet ghan-negozju taghha kif ukoll xoghol tal-quads fl-investiment li kien qed isir bejniethom. Il-Fitness Centre tal-Jerma ghalaq fl-2006.

Claudio Caruana cahad li l-attrici harget il-pagamenti lis-suppliers hi direttament u lil terzi peress li huwa ma setax jopera bil-bank. Fil-fatt CNJ kellha kontijiet bankarji. Ikkonferma li account partikolari tal-kumpannija kien f`isem Nadia Caruana u nhargu cheques minnha ghall-kumpannija. Nadia Caruana kienet impjegata ta` CNJ u kienet tithallas minn CNJ. Ighid li l-kont f`isem Nadia Caruana sar sabiex ikun hemm record separat ta` l-operat taghha. Il-kont ta` Nadia Caruana kien ikopri x-xoghol tal-jetskis.

Claudio Caruana kkonferma li kienet l-attrici li offriet li thallas il-biljett ta` l-ajru biex imorru Taiwan. Stqarr li n-negozju dejjem ghamlu b`intenzjoni tajba u dejjem qalilha li kien ser ihallasha l-flus lura. Id-Dokument 5 inkiteb minnu. Bil-kelma "*reimburse*" huwa kien qed jispjega li l-investiment li ghamlet l-attrici fil-kumpannija kienet sejra tiehdu lura b` interessi ta` 8%.

Mistoqsi mill-Qorti kif huwa qed jghid li dak kien investiment, u ghalhekk ma setax ikun hemm kwistjoni ta` rimbors, Claudio Caruana spjega li dak ma kienx rimbors izda li bdew jinqalghu hafna problemi.

Fir-**<u>riezami</u>**, ix-xhud spjega li l-investiment sar qabel ma` saret l-iskrittura u l-attrici hadet hlas lura mill-kumpannija profitt ta` 10%. L-investiment kien *ongoing* u mhux ta` darba. L-iskrittura saret meta n-negozju beda ma jkunx stabbli. Kien inzamm record ta` kemm investiet flus l-attrici u kemm hadet flus lura bi profitt.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-risoluzzjoni tal-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija mpernjata fuq l-interpretazzjoni tad-dokument datat 25 ta` April 2008 u esebit mill-atturi a fol 5 tal-process. Fid-dokument jinghad *inter alia* illi Claudio Caruana ghal CNJ "*is to reimburse to Mrs Buhagiar the sum of Euros* 107,150.00 ... *which sum was invested by Mrs Buhagair in the above mentioned company*."

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b`zewg verzjonijiet konfliggenti : min-naha wahda l-attrici li ssostni li si trattava ta` self u ghalhekk lilha ghandu jigi rifuz l-ammont dovut lilha bl-imghax ta` 8% fis-sena ; u min-naha l-ohra, CNJ rappresentata minn Claudio Caruana li l-flus li harget l-attrici kienu investiment u kwindi t-talbiet attrici kienu nfondati.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et'** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Fuq l-istess vena inghad minn din il-Qorti (**PA/TM**) fis-sentenza taghha tat-30 ta` October 2003 fil-kawza "**George Bugeja vs Joseph Meilak"** illi :-

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia",** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex*

*teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

F`sentenza ohra ta` din il-Qorti **(<u>PA/PS</u>)** tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Emanuel Ciantar vs David Curmi noe</u>"** kien inghad illi :-

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Fis-sentenza taghha tas-17 March 2003 fil-kawza "**<u>Enrico Camilleri vs</u> <u>Martin Borg</u>** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet :-

*" ... kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

*(“**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**”, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; “**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**”, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet ...”*

Daqstant dwar il-konflitt ta` provi.

Dwar l-interpretazzjoni ta` kuntratti, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna kienet dejjem cara fis-sens li meta l-partijiet ikunu spjegaw ruhhom car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni.

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Frar 1950 fil-kawza “**Onor. Edgar Cuschieri O.B.E. ne vs Perit Gustavo R. Vincenti A. & C.E.**” il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*“Mill-banda l-ohra jinghad li hija norma ta` interpretazzjoni stabbilita mill-ligi illi meta l-espressjonijiet fil-konvenzjoni skond is-sens lilhom attribwit mill-uzu fl-epoka tal-kuntratt, huma cari, m`hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni.”*

Fis-sentenza taghha tad-29 ta` Novembru 2001 fil-kawza “**General Cleaners Co. Ltd. vs Accountant General et**”, din il-Qorti (**PA/RCP**) qalet illi :-

*"Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, il-ligi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid illi "Meta l-kliem ta` konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta` Ottubru, 1998 - "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines").*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell riportata fil-**Kollez. Vol. XXXIV.III.746**, jinghad :-

"*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta` att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b`mod ambigwu.*"

Fis-sentenza tal-15 ta` Dicembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "**Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar**" riportata fil-Kollez. Vol. LXXIX.II.704 jinghad :-

"*Meta l-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili). Issa hu ovvju illi fil-kliem espress fil-klawsoli taz-zewg kuntratti fuq riportati ma hemm l-ebda ambigwita` jew ekwivocita`. . . Hu biss 'meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma` dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, (li) ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet' (artikolu 1003 tal-Kap. 16) . . . 'Il-legislatur fil-materja ta` interpretazzjoni ta` kuntratt inissel certi regoli, li huma pjuttost direttivi milli assoluti, li ghandhom jigu segwiti skond ic-cirkostanzi, u principalment il-principju illi partijiet kontraenti riedu'. A contrario senso meta t-termini jkunu cari mhux lecitu ghall-Qorti li tinterpreta l-volonta` tal-kontraenti oltre dak li gie konvenut u miktub."*

Fl-isfond tal-principji esposti, wara analizi tad-dokument principali, u anke wara li kienu meqjusa l-provi l-ohra, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi ssib li l-ftehim ta` bejn il-partijiet tal-25 ta` April 2008 (Dok A) kien intiz sabiex l-attrici tiehu lura s-somma ta` €107,150 ekwivalenti ghal Lm46,000 li kienet ghaddiet lil CNJ.

Skond il-ftehim, CNJ kellha thallas lill-attrici akkont ta` €30,281.25 fil-31 ta` Mejju 2008. Jirrizulta lid an l-akkont thallas u ghalhekk il-bilanc kapitali gie jaqra €76,868.05. CNJ kellha thallas dan il-bilanc lill-attrici b`effett mit-30 ta` Gunju 2008 permezz ta` pagamenti rateali mensili ta` €931.75 b`imghax ta` 8% fis-sena *a scaletta.*

Jirrizulta mill-ftehim illi CNJ kellha taghti lura lill-attrici s-somma originali ta` €107,150. Jekk tassew – kif isostni Claudio Caruana – li dak li erogat l-attrici kien investiment (mhux self) ma kellu jkun hemm l-ebda ragun ghala CNJ kellha tobbliga ruhha li trodd lill-attrici il-flus li din kienet harget. Jekk dak kien investiment, il-fatti kienu jisvolgu xort`ohra.

Mid-dokument in kwistjoni tirrizulta l-modalita` ta` kif l-attrici kellha tircievi r-rifuzjoni. Dan ifisser li kien patwit bil-preciz bejn il-partijiet l-ammont li kellha tiehu lura l-attrici u kif. Punti dawn li jikkostitwixxu prova tal-jedd tal-attrici li tiehu lura l-ammont in kwistjoni.

Jirrizulta li fuq il-bilanc li kellu jithallas lill-attrici kellu jiddekorri favur taghha imghax *a scaletta* ta` 8% fis-sena. Investiment - kif imfisser minn Claudio Caruana – ma kienx se jirrendi imghax b`rata pre-stabbilita **u** *a scaletta.* Meta si tratta ta` investiment, kif ried ifissru Claudio Caruana, ghandek riskju qawwi li l-flus investiti ma jigux irkuprati jekk in-negozju jmur hazin.

Hemm imbaghad il-konferma da parti ta` Claudio Caruana ghal CNJ illi ... "*2. Mr Caruana will do all efforts, possibly to effect a separate substantial payment to reduce the balance as soon as possible.*" Investiment ma jahdimx hekk. Hawn si tratta ta` obbligazzjoni li tissupera bil-qabda semplici investiment. Fil-ftehim insibu obbligazzjoni *di dare* – vera u propja.

Huwa altru milli evidenti illi mill-assjem tal-ftehim, CNJ ittentat tiggranfa mal-kliem "*which sum was invested by Mrs Buhagiar in the above mentioned company.*"

Il-Qorti tinnota li l-fatt illi preciz qabel dik il-frazi, hemm imnizzel li CNJ trid taghti lura lill-attrici s-somma ta` €107,150 inehhi kwalunkwe dubju li setghet holqot l-frazi `*invested*`. Li trid tghid il-Qorti huwa li *mhuwiex eskluz* li l-ammonti li sborsat l-attrici kienu investiti *mill*-kumpannija konvenuta fin-negozju taghha. B`daqshekk pero` ma jfissirx li l-attrici saret *investitrici* fil-kumpannija b`tali mod li l-esbors taghha

ta` flus sar haga wahda mal-fondi tal-kumpannija, u allura jekk imur hazin in-negozju tal-kumpannija, tmur hazin l-attrici wkoll.

Mhux hekk kien il-kaz. Jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi bl-adezjoni taghha ghall-iskrittura de qua, il-kumpannija konvenuta kienet qeghda tassumi fuqha l-obbligazzjoni li trodd lura lill-attrici mhux biss il-kapital versat minnha izda anke l-imghax ta` 8% fis-sena *a scaletta.*

Li kieku l-flus li harget l-attrici kienu tassew *investiment*, CNJ ma kien ikollha l-ebda obbligu li tiffirma il-ftehim de quo.

**Addirittura** – tirrileva b`enfasi din il-Qorti – jirrizulta li l-ftehim de quo kien abbozzat minn Claudio Caruana stess, li jfisser li Caruana kien edott b`kull ma kien jinvolvi l-ftehim, fejn si trattava tal-obbligazzjonijiet tal-kontraenti.

Dan kollu premess, il-Qorti sejra taghti effett ghall-obbligazzjonijiet kollha li jemergu mill-iskrittura de qua, ladarba kien specifikat patwit illi l-attrici kellha tkun rimborsata u ladarba l-validita` tal-iskrittura ma kenitx kontestata.

CNJ gabet l-argument illi l-ammonti li harget l-attrici kienu investiment ghaliex l-attrici kienet tithallas mill-profitti, bhal kull persuna ohra li tinvesti f`entitajiet kummercjali. Anke jekk mill-provi jirrizulta li kien hemm zmien – **qabel** kienet kontrattat il-ftehim – meta l-attrici thallset 10% tal-profitti li kienet qeghda taghmel CNJ, anke jekk il-hlas ma setax ikun imghax ghaliex altrimenti kien qed jeccedi l-oghla rata ta` imghax permessa mil-ligi, bil-firma tal-iskrittura tal-25 ta` April 2008 twarrbet fil-genb kull kwistjoni dwar l-iskop li ghalih l-attrici harget il-flus, ghaliex fl-iskrittura tnizzel **car u tond** li l-ammont indikat kellu jintradd lura lill-attrici, kienu x`kienu l-arrangamenti li kien hemm bejn il-partijiet fiz-zmien **antecedenti** l-firma tal-iskrittura. L-iskrittura tnehhi kull dubju ghaliex tistabilixxi li l-attrici hija kreditrici ta` CNJ. Din hija l-ottika legali korretta li ghandha tinghata ghar-relazzjoni guridika li twieldet bejn il-partijiet mal-firma tal-iskrittura.

CNJ iggib `il quddiem l-argument li tant il-flus li harget l-attrici kien investiment illi l-attrici kienet tohrog il-flus ghall-akkwist ta` merkanzija skond l-andament tal-ordnijiet li l-kumpannija kienet taghmel minn barra, mhux fl-ghamla ta` *lump sum*. Anke jekk irrizulta li l-attrici hekk kienet taghmel, dak ma jfissirx li l-esbors tal-flus da parti taghha ttrasforma ruhu f`investiment u allura l-attrici ma baqghetx kreditici ta` CNJ. Il-Qorti taghti affidament lill-verzjoni tal-attrici li hija ssellfet mill-bank fuq talba ta` Claudio Caruana peress li dan ma riedx - ghal ragunijiet tieghu - jidher hu jew il-kumpannija tieghu mal-bank ; miksuba l-loan ghall-beneficcju ta` CNJ, l-attrici kienet tohrog pagamenti mis-self avvanzat lilha mill-bank biex tithallas il-merkanzija. Il-fatt li l-attrici kienet thallas direttament, ghall-beneficcju ta` CNJ, merkanzija li CNJ kienet iggib minn barra ghan-negozju taghha bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanza fid-dritt ma jhassar jew addirittura jgib fix-xejn l-obbligi li kienu assunti minn CNJ versu l-attrici bis-sahha tal-iskrittura a fol 5 tal-process.

CNJ tinsisti li l-flus li harget l-attrici ma kienx self, u rreferiet ghall-abbozz ta` kuntratt ta` self li hejja n-Nutar Bartolomeo Micallef u li Claudio Caruana rrifjuta li jiffirma. Madanakollu din l-insistenza tal-kumpannija konvenuta hija nfondata ghaliex bl-iskrittura a fol 5 kienet regolata ir-relazzjoni guridika ta` bejn il-partijiet li fis-sostanza kienet taghti lok ghal obbligazzjoni *di dare* favur l-attrici.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta ghamlet kumment fis-sens li l-attrici ppruvat tqarraq billi d-dokument a fol 5 qatt ma kien iffirmat quddiem nutar, izda kienet l-attrici li, wara li l-iskrittura kienet diga` ffirmata, marret ghand in-nutar biex taghti lill-iskrittura impronta ufficjali. Ghalkemm l-attrici ma kellhiex taghmel hekk, lanqas ma kellha ghalfejn taghmel hekk ghaliex l-iskrittura kienet valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, anke minghand il-*pseudo-imprimatur* tan-nutar. Tant huwa hekk illi CNJ ma tat l-ebda eccezzjoni fis-sens li kkontestat il-validita` tal-iskrittura ; anzi gabet `il quddiem propju dak li nkiteb fl-iskrittura sabiex issostni l-argumenti taghha.

Din il-Qorti ghandha provi bizzejjed li, meta jigu sottoposti ghall-kejl tal-bilanc ta` probabilitajiet, iwassluha biex tikkonkludi li l-attrici hija kreditrici tal-kumpannija konvenuta. Mill-provi rrizulta, li wara li kien konkluz il-ftehim de quo, Claudio Caruana

ghal CNJ hallas ratealment sakemm waqaf ihallas ghal kollox meta l-*cashflow* ta` CNJ marret ghall-aghar.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-vera kwistjoni tibqa` kemm huwa l-ammont attwalment dovut lill-attrici, anke in vista tal-hames eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta.

Skond il-prospett Dok B a fol 6 tal-process, mill-ammont originali ta` €107,150, fis-27 ta` Frar 2010, CNJ kellha taghti lill-attrici somma bilancjali ta` €69,413.80. L-ahhar pagament rateali mensili li ghamlet CNJ kien propju fis-27 ta` Frar 2010. Tasal ghal din is-somma bilancjali meta tqies il-hlas akkont ta` €30,281.95 li sar fil-31 ta` Mejju 2008, u l-pagamenti rateali ta` €931.95 li CNJ hallset bejn l-1 ta` Lulju 2008 u 27 ta` Frar 2010, dan wara li kien ikkalkolat l-imghax ta` 8% fis-sena *a scaletta.*

Jirrizulta li fil-25 ta` Novembru 2011, l-attrici baghtet ittra ufficjali (fol 8) fejn talbet li tithallas is-somma ta` €72,471.82. L-ittra ufficjali kienet notifikata lil CNJ fis-6 ta` Frar 2012 (fol 11). Fuq l-iskorta ta` Dok B, jidher li din il-figura hija l-kumulu bejn l-€69,413.80 u l-imghax ta` 8% fis-sena fuq €69,413.80 li ddekorra bejn is-27 ta` Frar 2010 u s-16 ta` Settembru 2010.

L-**Art 1141 tal-Kap 16** jaqra hekk :-

*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-obbligazzjoni li twieldet bil-kuntratt tal-25 ta` April 2008 ma taqax taht l-ewwel (1) subinciz izda hija regolata bit-tieni (2) subinciz.

L-**<u>Art 1142 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

Il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghall-hlas ta` €72,471.82 bl-ittra ufficjali tal-25 ta` Novembru 2011 kienet korretta.

Dak li l-Qorti mhijiex tikkondividi huwa l-hlas pretiz mill-atturi tal-ammont ta` €84,076.31 – ammont li l-attrici baqghet ma tatx spjegazzjoni ta` kif waslet ghalih.

Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti li l-ammont spettanti lill-atturi huwa dak ta` €72,471.82 bl-imghax legali ta` 8% fis-sena b`effett mis-6 ta` Frar 2012 – data tan-notifika tal-kumpannija konvenuta bl-ittra ufficjali tal-25 ta` Novembru 2011 – skond l-**<u>Art 1139 tal-Kap 16</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-atturi.**

**Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` l-hames eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` t-tieni talba tal-atturi limitatament billi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-atturi fl-ammont ta` tnejn u sebghin elf erba` mija wiehed u sebghin Ewro tnejn u tmenin centezmu (€72,471.82) flimkien mal-imghax skont il-ligi.**

**Tilqa` t-tielet talba tal-atturi limitatament billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta` tnejn u sebghin elf erba` mija wiehed u sebghin Ewro tnejn u tmenin centezmu (€72,471.82) bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mis-6 ta` Frar 2012 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Novembru 2011, ghandhom jithallsu in kwantu ghal sitta u tmenin fil-mija (86%) mill-kumpannija konvenuta, u in kwantu ghal erbatax fil-mija (14%) mill-atturi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------